MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Mandat Numru. 8/2002/2

**Rikors Nru. 8/02**

**Fl- atti tal- Mandat ta' Zgumbrament numru 8/02 fl- ismijiet**

**Emmanuel Schembri**

**Vs**

**Salvatore Attard**

Il-Bord,

Ra ir- rikors ta' Salvatore Attard fejn jesponi b' rispett:

Illi fuq talba ta' Emmanuel Schembri, is- sid tal- fond, gie awtorizzat fis- 17 ta' Mejju 2002, il- hrug tal- mandat ta' zgumrament tal- inkwilin, Salvatore Atterd, mill- fond numru 8, Sqaq il- Karmnu (illum Triq Antonio Miruzzi), Santa Venera.

Illi kif jirizulta mir- Requisituion Order No. 48579, tal- 28 ta' Jannar 1986, (li kopja awtentifikata taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkat Dok. X), l- imsemmi fond huwa rekwizizzjonat, u biswali, skond il- gurisprudenza lokali kostanti, il- pusses tal- fond de quo huwa vestit fid- Direttur ghall- Akkomodazzjoni Socjali (qabel is- Segretarju tad- Djar), u s- sid tal- fond ma ghandux dritt jippretendi li jirripredni l- pusses tal- fond, huwa obbligat li jikkonsenja c- cwievet tal- fond lid- Direttur ghall- Akkomodazjoni Socjali.

In visto tal- permess, l- esponent jitlob umilment li dan il- Bord joghgbu "Contrario Imperio" jissospendi l- esekuzzjoni tal- mandat ta' Zgumrament numru 8/02 MPM tas- 17 ta' Mejju 2002, u jappuntah ghat- trattazjoni tal- kwistjoni tal- ostakolu legali tar- Requisition Order imsemmija.

Ra d- digriet tieghu tal- 4 ta' Gunju 2002.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ikkonsidra,

1. B' sentenza tal- 24 ta' Ottubru 1985 fir- rikors fl- ismijiet 'Emmanuel Schembri vs Salvatore Attard' il- Bord li jirregola il- Kera laqa talba ghall- zgumbrament ta' l- intimat ghall fond 8, Cannon Lane, Santa Venera, illum 8, Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera.

2. Mhux kontestat li fis- 17 ta' Mejju 2002 hareg mandat ta' zgumbrament kontra Salvatore Attard li tieghu qed tintalab is- sospenzjoni billi l- fond gie rekwizizzjonat.

3. Jirrizulta li fit- 28 ta' Jannar 1986 harget 'Protective Requisition Order' (fol 3) u ghalhekk il- pussess illum hu f' idejn id- Direttur tal- Akkomodazzjoni Socjali billi r- rekwizizzjoni ghada fis- sehh (ara xhieda tal- mibki Joseph Zammit in rapprezentanza tad- Direttur tal-

Akkomodazjoni Socjali). Ir- rikorrent ma jistax jizgombra lill- kerrej. Ir- rapport li nhalaq bejn id- Direttur ta' l- Akkomdazjoni Socjali u l- persuna akkomodata ma huwiex rapport ta' kirja vera u propja izda rapport 'sui generis' skond l- Att Dwar id- Djar u d- Dispozizzjonijiet Amministrativi Applikabbli (ara 'Gera de Petri vs Grasso P.A. Onor. Ph. Sciberras, 27/01/03).

4. Il- gurisprudenza dejjem ghallmet li meta hemm ordni ta' rekwizizzjoni s- sid jigi dispossessat mill- fond, b' mod illi mindu ssir u sakemm tibqa fis- sehh ir- rekwizizzjoni l- pusess tal- fond u d- disponibilta' ta' dak il- pussess mhux aktar f' idejn is- sid izda f' idejn l- awtorita rekwizizzjonanti. (ghall- gabra ta' gurisprudenza ara sentenza tal- Bord in re 'Xuereb noe vs Mamo et', 23/10/02).

Ghalekk il- Bord jilqa it- talba tar- rikorrent u jordna kif mitlub is- sospenzjoni tal- mandat numru 8/02 fl- ismijiet 'Emmanuel Schembri vs Salvatore Attard'. Il- Brod juza d- diskrizzjoni moghtija mill- ligi u jordna li l- ispejjez jithallsu mir- rikorrent Salvatore Attard.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------